MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-19 ta' April, 2005

Numru 176/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**

**Vs**

Benjamin Schembri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat Benjamin Schembri ta' karta ta' identita' numru 16856(M), akkuzat talli:

B'diversi atti wkoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti, imma li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li ghamilhom b'rizoluzzjoni wahda u cioe', f'dawn il-Gzejjer, fid-29 ta' Dicembru, 2004 f'hinijiet differenti, bil-hsieb li taghmel xi qligh, hedded bil-fomm lil Sharon Mifsud minn San Gwann u ta ordni jew ghamlilha kundizzjoni li taghmel

denunzja kontra taghha jew li jaghtiha malafama, bil-hsieb li jggieghlha taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga.

Fl-istess zmien u cirkostanzi, bil-hsieb li ttellef jew li tnaqqas il-gieh ta’ l-istess Sharon Mifsud, bi kliem weggaha, heddidha u ngurjaha.

Fl-istess zmien u cirkostanzi, uza xi sistema jew apparat ta’ telekommunikazzjoni provdut minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma kienx dak li ghalih kien provdut, jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li nhargu mill-provditur awtorizzat ghall-uzu sew tas-sistema tat-telekommunikazzjoni jew tghamir jew ghamel uzu minnu mhux sewwa.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra;

Semghet lill-kwerelanta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-ammissjoni tal-imputat hi wahda volontarja u inkondizjonata. Konsegwentement ghandu jinstab hati tal-akkuzi.

L-istess akkuzi jittrattaw ir-reat taht l-Artikolu 249(1)(2), 298A u taht l-Artikolu 252 tal-Kap 9.

Ikkunsidrat ix-xhieda tal-kwerelanta. Ikkunsidrat ukoll l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat. Fic-cirkostanzi u wara li rat l-Artikoli fuq citati tqies li l-kundanna l-aktar idoneja ghall-kaz hi l-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghal zmien sentejn mill-lum. Tapplika wkoll l-Artikolu 383 tal-Kap 9 u torbot lill-imputat li ma jimmolestax lill-kwerelanta, lill-zewgha jew

familjari taghhom taht penali ta' Lm100 ghal zmien sena mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------